**<u>Din id-Darba Nitkellmu Ahna:</u>**
**<u>Persuni b'dizabilita intellettwali f'Malta jitkellmu ghalihom infushom</u>**

*Miktub minn*
*Helen Attard (Dipartiment ghall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita)*
*u Anne-Marie Callus (Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita*)

Ricentament, sar studju ma' persuni b'dizabilita intellettwali f'Malta dwar kif huma jqattghu l-gurnata taghhom, u x-xewqat u ambizzjonijiet taghhom. Din ir-ricerka kienet iddizinjatha mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita flimkien mad-Dipartiment ghall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita. Dan tal-ahhar hu responsabbli mis-servizzi ta' matul il-jum ghal persuni b'dizabilita intellettwali.

Dan l-istudju sar bhalha parti mill-attivitajiet tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita fl-isfond tal-hidma li z-zewg organizazzjonijiet qed jaghmlu sabiex jigi zviluppat is-*self-advocacy* tal-persuni b' dizabilitakollha hawn Malta. Is-*self-advocacy* tfisser li persuni jinghataw l-opportunita li jitkellmu ghalihom infushom u mhux ikun hemm haddiehor li jitkellem ghalihom.

B'kollox, kien hemm 52 persuna li juzaw is-servizzi ta' matul il-jum li gew intervistati. Dan jammonta ghal 13% tan-numru totali ta' persuni b'dizabilita intellettwali f'Malta u Ghawdex li juzaw is-servizzi ta' matul il-jum moghti direttament mill-istat. Huma ddeskrivew l-attivitajiet li jaghmlu kemm meta jkunu qed juzaw dawn is-servizzi kif ukoll meta jkunu d-dar. Huma gew mistoqsija ukoll x'attivitajiet jixtiequ li jaghmlu, specjalment fil-kaz ta' attivitajiet li bhalissa mhumiex qeghdin jaghmlu u li jinteressawhom, kemm permezz tas-servizzi ta' matul il-jum kif ukoll mid-dar.

Fost l-aktar rizultati importanti nsibu li l-persuni li gew intervistati huma kuntenti bis-servizzi ta' matul il-jum u li, kollox ma' kollox, huma kuntenti bl-attivitajiet li huma jaghmlu. Izda dan ma jfissirx li huma ma jixtiequx jippruvaw attivitajiet godda.

## <u>Attivitajiet fis-Servizzi ta' Matul il-Jum</u>

Tabella 1 tindika l-attivitajiet ta' rikreazzjoni li l-persuni li gew intervistati jixtiequ jaghmlu u li bhalissa huma ma jaghmlux. Il-fatt li certu persentaggi huma baxxi (per ezempju ghall-attivita fizika) ifisser li dawn l-attivitajiet diga jaghmluhom hafna klijenti.

**Tabella 1**

| 20% | 40% | 12% | 9% | 6% |
|---|---|---|---|---|
| **Crafts** | **Soft-play** | **Loghob** | **Drama** | **Attivita Fizika** |

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' zvilupp personali (Tabella 2), il-persentaggi ta' persuni li juzaw is-servizzi u li jixtiequ li jaghmlu dawn l-

attivitajiet hu gholi. Dan ifisser li dawn l-attivitajiet ma jaghmluhomx hafna persuni u, fl-istess waqt, hemm hafna li jixtiequ li jkunu involuti fihom. Ta' min jinnota li l-persentagg ta' klijenti li huma interessati fl-edukazzjoni sesswali hu gholi hafna. Dan jindika li ftit hemm klijenti li qed jaghmlu dan il-programm u li l-maggoranza ta' dawk li ma jaghmluhx huma interessati hafna f'dan is-suggett.

**Tabella 2**

| 22% | 23% | 42% | 30% | 4% | 57% |
|---|---|---|---|---|---|
| **Self-Advocacy** | **Speech Therapy** | **Occupational Therapy** | **Kitba, Qari u Somom** | **Hiliet ghal Hajja Independenti** | **Edukazzjoni Sesswali** |

**<u>Xoghol</u>**

Id-dinja tax-xoghol hi qasam ta' interess ghal hafna minn dawk li hadu sehem fir-ricerka. 33% ta' dawk intervistati jahdmu part-time, hafna drabi permezz ta' arrangamenti li jsiru mis-servizzi ta' matul il-jum. 80% ta' dawk li ma jahdmux jixtiequ li jahdmu, il-bicca l-kbira minnhom fuq bazi part-time. Il-postijiet fejn jixtiequ jahdmu huma indikati f'Tabella 3.

**Tabella 3**

| 40% | 48% | 29% | 35% | 27% | 23% | 29% | 35% | 23% |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ufficcju** | **Tindif** | **Fabbrika** | **Xoghol tal-idejn** | **Lukanda** | **Rist-orant** | **Hanut** | **Mat-tfal** | **Mal-anzjani** |

**<u>Attivitajiet fid-Dar</u>**

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' attivitajiet filghaxija u matul il-weekends u vaganzi, hafna minn dawk li hadu sehem fir-ricerka jokkupaw ruhhom b'attivitajiet li jaghmlu fi djarhom, kif indikat f'Tabella 4.

**Tabella 4**

| 96% | 94% | 42% | 57% | 61% |
|---|---|---|---|---|
| **Televizjoni** | **Radju** | **Crafts** | **Iqallbu l-kotba** | **Loghob** |

Hafna minn dawn il-persuni m'ghandhomx kompjuter jew *play station* u jixtiequ hafna li jkollhom.

Ftit kien hemm persuni li gew intervistati li qalu li johorgu wahedhom. Hafna drabi huma johorgu ma' membri tal-familji taghhom. Meta johorgu wahedhom, huma jmorru jixtru minn hwienet qrib id-dar taghhom, imorru l-knisja jew biex izuru qraba li ma joqoghdux 'il bghod minnhom. Hafna kienu l-persuni li esprimew ix-xewqa li jmorru postijiet ohra, wahedhom jew ma' shabhom li juzaw is-servizzi ta' matul il-jum.

## L-Ghazla

Sabiex tohrog stampa ta' kemm il-persuni b'dizabilita intellettwali ghandhom l-opportunita li jaghmlu ghazliet f'hajjithom, l-istudju ffoka fuq tlett aspetti:

a) Ghazla tal-hwejjeg
b) Hrug
c) Infiq ta' flus.

Ta' min jinnota li 70% ta' dawk li hadu sehem fir-ricerka jaghzlu x'jilbsu huma stess. Izda, fl-istess waqt, 55% biss ghandhom ghazla fix-xiri tal-hwejjeg. Mill-banda l-ohra, hafna minn dawk li jinghataw il-flus biex jonfqu, jonfquhom fuq hwejjeg, kif hu indikat f'Tabella 5:

**Tabella 5**

| 4% | 29% | 4% | 17% | 35% | 10% | 11% |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tfaddal-hom il-persuna | Izomm-hom membru tal-familja | Jigu mfaddla l-bank | Minfuqa fuq gojjelli | Minfuqa fuq hwejjeg | Minfuqa fuq zraben | Minfuqa fuq ikel u helu |

Il-konkluzjonijiet principali li johorgu mir-ricerka huma li, waqt li l-persuni intervistati huma pjuttost kuntenti b'hajjithom, huma jixtiequ li jkunu inqas protetti. Jixtiequ jghixu hajja aktar libera, f'socjeta interdipendenti li tittratahom bhala adulti, u li fiha huma jistghu jippartecipaw bis-shih(t). Huma jixtiequ wkoll li jkunu parti mid-dinja tax-xoghol, li jkunu jistghu jaghmlu aktar ghazliet f'hajjithom u li l-individwalita taghhom tkun rispettatha.

Ir-rizultati ta' din ir-ricerka gew prezentati waqt seminar bl-isem 'Din id-darba nitkellmu ahna'. Attendew ghalih il-persuni li hadu sehem fir-ricerka, membri tal-familja taghhom, u professjonijist li jahdmu ma' persuni b'dizabilita intellettwali. Il-prezentazzjoni tar-ricerka saret minn uhud mill-persuni li hadu sehem fir-ricerka. Kien hemm ukoll fuljett li jispjega r-rizultati f'format li hu facli biex taqrah. Wara l-prezentatzzjoni kien hemm diskussjoni li fiha l-persuni b'dizabilita intelletwali emfasizzaw kemm jixtiequ jsibu xoghol. Hu pjanat li, fuq il-bazi ta' dan l-istudju, jigu mfassla programmi individwalizzati ghal min juza s-servizzi ta' matul il-jum sabiex jigi zgurat li kull wiehed minn dawn il-persuni jkun konsultat dwar l-uzu li jixtieq jaghmel mis-servizzi ta' matul il-jum.